**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 04 ta' Ottubru 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 27/2012**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Jesmond (Jesmond Mary) Vella**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 27 tas-sena 2012 kontra Jesmond Mary Vella akkużat:

> **Fl-Ewwel u l-Uniku Kap** talli, fid-19 ta' Ġunju 2008 u matul il-jiem u gimgħat qabel din id-data, huwa kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx

fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Jesmond Mary Vella" tal-11 ta' Novembru, 2003 l-akkużat Jesmond Mary Vella instab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali addebita lill-istess akkużat bir-recidiva.

**2.** Rat illi l-akkużat Jesmond Mary Vella debitament notifikat bl-Att ta'l-Akkuża u bil-Lista tax-Xhieda u tad-Dokumenti baqa' ma ippreżenta ebda eċċezzjoni.

**3**. Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' April 2013, tas-06 ta' Mejju 2013, tas-16 ta' Jannar 2019 minn fejn jirriżulta illi fil-mori tal-kawża l-akkużat ħarab minn Malta lejn il-Libya u inġieb lura permezz ta' Mandat ta' Arrest Internazzjonali fis-07 ta' Ġunju 2022.

**4**. Rat ir-rikors tal-akkużat tal-05 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu talab sabiex a tenur tal-proviso għall-artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa jressaq nota ta'l-eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Jannar 2023 li laqgħet din it-talba.

6. Rat in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ulterjuri ppreżentata mill-akkużat fil-25 ta' Jannar 2023 fejn eċċepixxa l-inammissibbilita' tal-istqarrija u/jew dikjarazzjoni rilaxxata minnu lil pulizija, lill-esperti tal-Qorti u lil Maġistrat Inkwirenti, kif ukoll ta' kull referenza li saret fl-atti proċesswali għal dawn l-istqarrijiet u/jew dikjarazzjonijiet.

**7**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-akkużat billi kienet 'tal-fehma illi fir-rigward tal-istqarrija u/jew dikjarazzjoni rilaxxata mill-akkużat, kemm skritta u/jew verbali, u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għaliha għandhom jiġu ddikjarati inammissibli u sussegwentament sfilzati mill-atti proċesswali.'

**8.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fl-4 ta' April 2023 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u minflok tiddikjara l-istqarrija bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-ġuri, u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

**9**. Rat ir-risposta tal-akkużat Jesmond Mary Vella ippreżentata fis-26 ta' April 2023 fejn talab illi r-rikors tal-appell ta'l-Avukat Ġenerali jkun miċħud fl-intier tiegħu, u li s-sentenza appellata tkun ikkonfermata.

**10.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**11.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**12**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali isib oġġezzjoni għas-sentenza tal-Qorti Kriminali meta din iddikjarat l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat Jesmond Mary Vella bħala prova inammissibbli u ordnat l-isfilz tagħha mill-atti. Illi fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali il-fatt illi l-appellat ma kienx assistit minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrija tiegħu mill-pulizija ma twassal għal ebda irregolarita' stante illi ttieħdet skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, fejn kien mogħti id-drittijiet kollha inkluż li jikkonsulta ma' avukat, liema jedd huwa għażel li jirrifjuta. Jikkontendi l-Avukat Ġenerali illi l-appellat, fehem sew it-twissija li kienet lilu mogħtija mill-interrogatur tant illi huwa għażel li jwieġeb għal xi

domandi li sarulu, iżda imbagħad ma weġibx għal domandi oħra meta dehrlu li dawn setgħu jkunu inkriminatorji. Finalment, għażel li ma jiffirmax l-istqarrija tiegħu u dan wara li ddikjara illi din kienet minnu rilaxxata b'mod volontarju, mingħajr theddid, wegħdiet jew promessi ta' xi vantaġġ. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassitha aggravata mill-pronunzjament ta'l-Qorti Kriminali u dan għaliex, fil-fehma tagħha, l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat, jindika illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex għandu jsir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha u allura jekk dik il-prova hijiex waħda nieqsa minn valur probatorju. Tisħaq l-Avukat Ġenerali illi ir-rimedju li għandu jingħata mill-Qorti mhuwiex dak li din il-prova titwarrab, iżda semmai li jkun hemm mitigazzjoni fil-piena fl-eventwalita' li jkun hemm sejbien ta' ħtija.

**13**. Id-difiża tilqa' għal dan l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali meta tikkontendi illi ġaldarba l-istqarrija tal-persuna akkużata bil-kummissjoni ta' reat hija prova ċentrali u determinanti fil-proċess ġudizzjarju, allura ċ-ċaħda totali ta' assistenza legali tirrendi tali stqarrija inammissibbli bħala prova. Dan apparti il-fatt, illi fil-fehma tal-akkużat, llum hemm konsistenza fil-ġurisprudenza fir-rigward ta' dawk l-istqarrijiet rilaxxati qabel is-sena 2010, u allura fiż-żmien meta s-suspettat ma kellu ebda jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju, fis-sens illi dawn għandhom jitwarrbu bħala prova.

**14**. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, wara li għamlet rassenja estensiva tal-ġurisprudenza in materja, kemm dik ewropeja kif ukoll tal-qrati, kemm penali kif ukoll kostituzzjonali:

> **"Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-akkuzat Jesmond Mary Vella rrilaxxa stqarrija f'Gunju, 2008, fejn ma kienx assistit minn avukat tal-fiducja tieghu, la qabel u anqas wara l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Hu ma nghata l-ebda dritt li**

**jfittex l-ghajnuna ta' avukat sabiex la jaghtih parir legali u lanqas biex jassistih matul l-interrogazzjoni, u dan billi dan id-dritt ma kienx moghti bil-ligi f'dak iz-zmien. Illli minn qari tal-istqarrija, jidher illi l-akkuzat, inghata twissija fis-sens li kellu dritt li ma jwegibx ghad-domandi izda jekk iwiegeb dak li jghid jista' jingieb bhala prova. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm pregudizzju kontra l-akkuzat, specjalment meta min hu imsejjah sabiex jiggudika jara xi twegibiet minnu moghtija fl-istqarrija tieghu u meta hu ma kellu jedd ghall-ebda difiza. Ghalhekk, meta hadet in konsiderazzjoni dak kollu sucitat, din il-Qorti hi tal-fehma illi fir-rigward tal-istqarria tal-akkuzat u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza ghaliha ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati mill-atti processwali."**

**15**. Illi l-appellant qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tiegħu dwar l-inammissibbilita ta'l-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija fuq vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu, senjatament dawk li għandu jedd għalihom fil-proċess ġudizzjarju u ċioe' il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Illi l-pożizzjoni ta' dritt dwar it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran, kif tajjeb traċċat dettaljatament mill-Qorti Kriminali, ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat kien arrestat u interrogat lura fis-sena 2008 huwa ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, la qabel u wisq anqas waqt it-teħid tal-istqarrija. Illi kien biss fi Frar tas-sena 2010 li daħal fis-seħħ id-dispost tal-liġi li kien jagħti jedd lil persuna suspettata li tikkonsulta avukat għal siegħa qabel l-interrogatorju, bir-regola tal-inferenza tapplika fil-każ li is-suspettat jogħġbu jeżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju. Illi imbagħad seħħ bdil ieħor għal Kodiċi Kriminali u dan bit-trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, meta allura daħal fis-seħħ il-jedd tas-suspettat li jkollu avukat preżenti miegħu waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-investigatur. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għalkemm sal-mument li ngħataw id-deċiżjonijiet fil-kawzi quddiem il-QEDB ta' *Beuze vs il-Belgju*, *Farrugia vs Malta*, *Stephens vs Malta*, u oħrajn fuq l-istess linja ta' ħsieb, il-qrati tagħna kienu qed japplikaw din ir-regola esklużjonarja għal dawk l-

istqarrijiet fejn is-suspettat ma kellu ebda forma ta' assistenza legali, u dan in sewgitu għas-sentenza tal-QEDB *Borg vs Malta*.

**16.** **"Farrugia vs Malta"** (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "**Stephens vs Malta"** (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi '***systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing'***. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u wkoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ "*overall fairness*" tal-proċeduri fl-intier tagħhom.

**17.** Fir-rigward tal-ewwel stħarriġ li jrid isir marbut mal-hekk imsejjħa '*compelling reasons*' il-QEDB stqarret:

> ***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention".***

**18.** Illi fil-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti huwa bil-wisq evidenti li dan it-test qatt ma jista' jkun superat billi ma hemm ebda raġuni impellenti 'il għala l-akkużat, illum appellat, kellu jkun imċaħħad minn dan il-jedd, għajr għal fatt illi dan id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju kien kompletament assenti fil-liġi f'dak iż-żmien.

**19.** Madanakollu dan it-test waħdu ma jirrendiex, b'mod awtomatiku, l-istqarrija inammissibbli fil-liġi għaliex irid ikun superat ukoll it-tieni test imfassal mill-QEDB meta jiġi mistħarreġ jekk dik l-istqarrija għandiex titwarrab mill-atti. L-eżami tal-'*overall*

*fairness*' tal-proċeduri jinneċċesita stħarriġ ġudizzjarju tal-piż li għandu jingħata lil din il-prova meta imqabbla mal-evidenza kollha li hemm fl-atti. Il-QEDB fasslet lista mhux eżawrjenti ta' uħud mill-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta jsir dan l-eżerċizzju:

> (a) *whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
> (b) *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
> (c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
> (d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
> (e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
> (f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
> (g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
> (h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
> (i) *the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
> (j) *other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

**20.** Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u l-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżmina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari. Iżda din il-Qorti hija tal-fehma illi fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalHa evidenti, f'dan l-istadju, li xi waħda jew aktar mill-

kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

**21.** Illi din il-Qorti, għalhekk, eżaminat mill-ġdid l-atti kumpilatorji li minnhom jemerġu ċ-ċirkostanzi li sawwru dan il-każ, b'mod partikolari dawk li wasslu lill-appellat jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu lil pulizija. Illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jirriżulta illi l-pulizija kienu irċevew informazzjoni kunfidenzjali lura f' Ġunju tas-sena 2008 illi l-appellat seta' kien involut fit-traffikar tad-droga u għalhekk għamlu sorveljanza mal-garaxx tiegħu ġewwa l-Mosta. Fl-20 ta' Ġunju 2008 huwa ġie arrestat u saret tfittxija fil-garaxx tiegħu u fil-vetturi appartenenti lilu iżda ma nstab xejn suspettuż. Sa hawn l-appellat ikkopera mal-pulizija. Ġara iżda li l-pulizija ġiehom suspett dwar trukk li kien ipparkeġġjat faċċata tal-garaxx u għalhekk ipproċedew biex jagħmlu tfittxija fih ukoll, iżda minn hawn l-appellat beda jidher aġitat. PC1086 Johann Micallef u PC10 Trevor Cassar Mallia, li kienu uħud mill-uffiċjali tal-pulizija li kienu involuti fl-investigazzjonijiet, kellmu lill-appellat qabel ma għamlu it-tfittxija fit-trukk u dan mingħajr ma tawh ebda twissija, għallinqas mill-provi kkumpilati ma jirriżultax illi din it-twissija ngħatat. L-appellat igħidilhom li m'għandu xejn x 'jaqsam ma' dan it-trukk u li dan ma jappartjeniex lilu. Fit-trukk, iżda kienet misjuba d-droga u ukoll xi oġġetti li kienu jidhru li jappartjenu lill-appellat. PC1183 Oliver Borg imbagħad jixhed iktar fid-dettall dwar dak li seħħ f'dan il-mument. Igħid hekk:

> **"Meta ġejna biex nagħmlu tfittxija fih, l-imputat beda jopponi għax beda igħid li dak ma kienx tiegħu. Niftakar li dak in-nhar jien kont skorta mas-sinjur u wara li kellna kollaborazzjoni assoluta fit-tfittxija fil-garaxx, beda jipprova jopponi u jitbiegħed mit-trukk waqt li kienet qed issir it-tfittxija fih. Immedjatament dak il-ħin PC10 mill-kaxxa tat-trakk qala' tank li fih kien hemm borza li nstabu 20 sapuna li huma suspettati li huma raza tal-cannabis. Niftakar li hu dak il-ħin ma bediex jammetti li t-trakk kellu konnessjoni mieghu pero' wara li PC10 fit-tfittxija li għamel fil-kabina tat-trakk sab xi**

> **dokumenti u xi number plate li kienu assoċjati mal-imputat hu ammetta li ġieli għamel użu minnhom[1].”**

**22**. Wara dan l-appellat jiġi arrestat u interrogat fejn jirrilaxxa stqarrija wara li jingħata dik id-debita twissija, mill-Ispettur Johann Fenech, li kienet viġenti fil-liġi f'dak iż-żmien fejn, kif ingħad, kien hemm l-esklużjoni tad-dritt li s-suspettat jkollu l-assistenza ta' avukat kemm qabel kif ukoll waqt l-intervista. L-appellat fl-istqarrija minnu rilaxxata jammetti li kien spiss jagħmel użu minn dan it-trakk għalkemm ma kienx tiegħu, u li kien jaf bil-presenza tad-droga fit-trakk u li fil-fatt kien hu li qiegħed il-basket kontenenti d-droga fit-trakk, iżda imbagħad jagħżel li ma iweġibx għal mistoqsijiet li jsirulu fir-rigward tal-provenjenza ta' din id-droga.

**23**. Illi esposti dawn il-fatti probatorji li jemerġu mill-atti tal-kumpilazzjoni huwa evidenti illi meta l-appellat kien imwaqqaf mill-pulizija u arrestat ma ngħata ebda twissija u dan fil-mument li saret it-tfittxija fit-trakk fejn kien mistoqsi jagħti informazzjoni dwar l-istess mill-investigaturi. Għall-inqas mill-provi kkumpilati ma jidhirx illi huwa kien mogħti id-debita twissija f'dan l-istadju kruċjali meta kien diġa' qed jitqies bħala persuna suspettata, tant illi s-sorveljanza li kienet qed issir mill-pulizija kienet tikkonċerna lilu direttament. Madanakollu l-ebda wieħed mill-uffiċjali tal-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni ma jixhdu illi mal-mument tal-arrest l-appellat kien mogħti xi forma ta' twissija. Illi allura meta l-appellat jagħmel id-dikjarazzjonijiet inizjali tiegħu fuq il-lok, għalkemm jinnega għall-ewwel li it-trakk huwa tiegħu, iżda ftit wara jammetti illi jagħmel użu minnu u dan meta rinfaċċjat bil-provi li nstabu fit-trakk mill-pulizija waqt it-tfittxija li ħolqu ness bejnu u bejn din il-vettura fejn kienet misjuba id-droga. Wara dan meta interrogat, għalkemm jingħata issa it-twissija li dak iż-żmien kienet viġenti fil-liġi, il-Qorti hija tal-fehma illi dan kien tard wisq għaliex l-appellat ma setax imur lura minn dak mistqarr inizjalment, u allura jiġi interrogat mingħajr ma ikollu dik id-difiża xierqa u adegwata sabiex spiċċa inkrimina ruħu, għalkemm jagħżel

---

[1] Volum 1 tal-atti kumpilatorji fol.29 et seq.

li ma jipprovdiex informazzjoni lil pulizija dwar il-provenjenza tad-droga li jammetti li kien hu stess li qiegħda fit-trakk.

**24**. Illi allura l-Qorti tqies illi f'dan l-istadju għalkemm għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa evidenti mhux biss illi l-appellat għamel dikjarazzjonijiet mal-investigaturi mal-arrest tiegħu meta dan ma kien għadu ingħata ebda forma ta' *caution*, iżda imbagħad meta jiġi interrogat u tingħatalu dik it-twissiija viġenti f'dak iż-żmien huwa jwieġeb għal uħud mill-mistoqsijiet li jsirulu u jinkrimina ruħu mingħajr ma jingħata ebda forma ta' difiża billi, kif ingħad, dak iż-żmien il-liġi kienet teskludi dan il-jedd b'mod sistematiku. Huwa indubitat għalhekk, u dan mingħajr ma din il-Qorti tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ, illi d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellat mal-arrest tiegħu flimkien mal-istqarrija jikkostitwixxu prova ferm determinanti f'dan il-proċess.

**25**. Illi allura għalkemm "i**l-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna,"**[2] madanakollu f'dan il-kwadru probatorju ebda direzzjoni li tista' tingħata lil ġurati ma tista' tissana d-difett proċedurali li seħħ inizjalment mal-arrest tal-appellant li sarraf imbagħad f'stqarrija rilaxxata mingħajr ma kellu il-jedd jitlob parir minn għand avukat u mingħajr ma jkun lanqas assistit filwaqt tat-teħid tagħha fejn spiċċa inkrimina ruħu, biex b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli.

**26**. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi, għalkemm l-appellat issa ser ikun assistit minn avukat waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u wkoll ser ikollu kull opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu, dawn il-fatturi ma jistgħu bl-ebda mod iwarrab il-periklu ta' żbilanc bejn id-drittijiet tiegħu bħala l-persuna akkużata fil-proċess ġudizzjarju u d-dritt tas-

---

[2] Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija – Constitutional Court – 31/05/2023

soċjeta li tara li l-proċess kriminali jsir skond il-ħaqq. Dan għaliex jekk dawn id-dikjarazzjonijiet flimkien ma'l-istqarrija tal-appellat jitħallew fl-atti, il-Prosekuzzjoni ser tressaq prova quddiem il-ġurati fejn l-appellat għamel dikjarazzjonijiet dwar il-każ inizjalment mingħajr ma ingħata ebda forma ta' twissija skont il-liġi u dan meta diġa' kien meqjus bħala suspettat bil-kummissjoni tad-delitt. U għalkemm dawn d-dikjarazzjonijiet ma kienux reġistrati jew meħuda bil-miktub, iżda jifformaw parti mix-xiehda tal-uffiċjali tal-pulizija investigattivi biex meta imqabbla ma' dak imbagħad dikjarat fl-istqarrija bil-miktub tista' tikkostitwixxi prova determinati. Dan kollu seħħ meta l-appellat ma kellu ebda forma ta' difiza sabiex b'hekk kellu d-dritt tas-silenzju u ma eżerċitahx, injar mill-konsegwenzi legali li dan seta' jġib miegħu meta nkisbet prova ewlenija fil-proċess penali.

**27**. Illi hija l-fehma tal-Qorti allura, stabbilit li ma kienx hemm ragunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt ghall-assistenza legali jkun miċħud u adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" imfassal fil-każ *Beuze vs il-Belgju,* u oħrajn bl-istess ħsieb, għalkemm l-istqarrija mertu tal-appell inkisbet skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu dan ma jistax jeradika mill-fatt illi l-appellat irrilaxxa dikjarazzjonijiet verbali u iskritti li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq bħala prova fil-ġuri, meta dawn kienu rilaxxati mingħajr ebda forma ta' għajnuna legali sabiex tiggwida lill-appellat, iktar u iktar meta d-dikjarazzjonijiet inizjali tiegħu ingħataw mingħajr ma kien debitament imwissi li kellu dritt ma iwieġeb għall-ebda domanda li kienet qed isirlu mill-investigaturi u dan meta kien diġa qiegħed taħt arrest suspettat bil-kummisjoni ta' reat.

**28**. Illi d-direzzjoni li qed tingħata illum mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija ċara u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jkun mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk, bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex jedd għal ebda forma ta' assistenza legali dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-

nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jkunu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat, tant illi jkun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqhom meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.

**29**. Illi allura għal motivi hawn fuq miġjuba jkun għaqli li f'dan l-istadju bikri tal-proċess ġudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' ta'l-istqarrija rilaxxata mill-appellat, **u kull dikjarazzjoni verbali tiegħu** meta ma kellu jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali u meta seta' ma kienx imwissi skont il-liġi, jkunu imwarrba u ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużat.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**